Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 17 ta' Gunju 2024**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Priscilla Caruana Lee)**

**Versus**

**Anthony Spiteri**
**(121780M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Anthony Spiteri,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru **121780M**.

Billi huwa akkuzat talli nhar id-9 ta' Marzu 2021, ghall-habta ta' 20.00hrs, gewwa Triq San Pawl, il-Belt Valletta:

1. Bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor (Art. 338(m), Kap. 9)
2. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (Art. 338 (dd), Kap.9).
3. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' **PC1456 O.Sharif u PC1037 S. Mifsud** nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kien ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz (Art. 95, Kap. 9).

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi jew individwi ohra jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni leza jew ta' individwu ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat (Art. 412C(1)(2), Kap. 9).

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat l-affidavit ta' PC1037 S. Mifsud datat 21 ta' Marzu 2021.

Rat l-affidavit ta' PC1456 Omar Sharif datat 24 ta' Marzu 2021.

**Rat illi l-imputat gie notifikat bl-akkuzi migjuba kontrih fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2022 u ghalhekk akkuza numru wiehed (1) u akkuza numru tnejn (2) huma preskritti.**

Semghet trattazjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda, il-Qorti hija konvinta illi it-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-imputat giet ippruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 7 u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib l-imputat **hati tat-tielet (3) akkuza u qed tikkundannah ghal-hlas ta' multa ghas-somma ta' tmien mitt Euro (€800.00)**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat